MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2009

Appell Kriminali Numru. 41/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. B. Spiteri)**
**Vs**
**Christopher Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’dawn il-Gzejjer, nhar l-14 ta’ Settembru, 2007, ghall-habta ta’ nofs in-nhar, gewwa Pembroke, ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fil-gisem ta’ Neil Attard.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Frar, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 221(3)(b) tal-Kap. 9, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghall-multa ta’ mitt Euro (€100).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-18 ta’ Frar, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-

sentenza appellata w tilliberah minn kull imputazzjoni w piena skond il-ligi. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi timponi sanzjoni aktar ekwa fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :-

Illi fl-ewwel lok il-kaz odjern huwa wiehed ta' apprezzament ta' provi w allura l-ezercizzju huwa wiehed biex jigi stabbilit jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragonevolment issib htija a bazi tal-provi rizultanti. Dan ma setghax isehh peress illi xhud wiehed, jekk emnut, jista' jaghmel prova ta' fatt. Quddiem l-Ewwel Qorti, Neil Attard ghazel li ma jixhidx. Fil-kaz odjern ghandha lill-appellant li qed jghid in succinct li huwa safa aggredit minn Neil Attard u allura l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu hija definittament insostenibbli. Minn naha l-ohra ghandna erba' xhieda, Ilkoll kollegi tal-appellant u ta' Neil Attard fuq il-post tax-xoghol.

Illi naturalment il-provi rizultanti jridu jigu ezaminati b'mod li jigi stabbilit – dejjem a bazi tal-principji applikabbli fil-kamp kriminali – jekk dak li qed jigi addebitat lill-appellant fil-fatt garax u jekk jirrizulta li gara, jekk tali att jiksirx id-dispozizzjonijiet tal-ligi msemmija fl-imputazzjoni jew sussidjarjament ikunx japplika xi attenwant skond il-ligi.

Minn imkien ma jirrizultaw mill-provi z-zewg elementi tar-reat, l-element fattwali w l-element intenzjonali. L-appellant ma kienx il-persuna li nieda l-kuntatt fiziku, anzi ghall-kuntrarju, kien Neil Attard li ta bidu ghall-aggressjoni fizika fil-konfront tal-appellant.

Semghet ix-xhieda fid-diversi seduti illi fih instema dan il-kaz.

Semghet it-trattazzjoni fl-udjenza tal-lum.

Peress li mill-assjem tal-provi mhix sodisfatta sal-grad tac-certezza morali illi kien l-appellant illi refa' jdejh biex ipprovoka l-incident l-ewwel wiehed u f'kull kaz, jekk stess ghamel dan, il-verzjoni tieghu li ghamel hekk biex jiddefendi ruhu waqt li kien qed jigi migdum f'subajh - li eventwalment irrizulta li kien gie miksur f'ghadma kif jidher mid-dokumenti esebiti w allura f'dak il-kaz ikun hemm certament ir-rekwiziti tal-*legittima difesa* billi altru li kien hemm proporzjon bejn l-azzjoni w ir-reazzjoni, jidhrilha illi f'kull kaz l-imputazzjoni ma tirrizultax.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------